# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1937

## IL-KTIEB *"POETES MALTAIS"*:

## REBĦA KBIRA TAL-"MALTI"

Fraħna, fraħna bla tarf, meta wasal f'idejna n-Nru. 17 tal-"Cahiers de Barbarie", bl-isem ta' "Poetes Maltais", ġabra ta' għana malti maqlub fil-Franċiż minn M. Laurent Ropa, u b'daħla sabiħa sewwa miktuba minnu fuq ix-xejra letterarja li ħa l-lsien malti f'dawn l-aħħar snin bil-ħila u bil-ħeġġa tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."

Fraħna, għaliex il-ktieb, maħruġ bil-għaqal u bid-dehen kollu ta' l-Editur M. Armand Guibert, ma jonqsu xejn, la fid-daqs u fit-taqsim, la fil-karta u fl-istampa, biex wieħed jista' fil-ħaqq u fis-sewwa jgħidlu "sabiħ".

Fraħna iżjed, għaliex, kif kien jistħoqqlu, il-ktieb kellu laqgħa sabiħa mhux biss f'Tunis fejn ħareġ, iżda hawn Malta wkoll, tant illi l-ħarġa kollha ta' tliet mija u għoxrin kopja b'ħamsa u għoxrin kopja *de luxe* in-ħatfet f'anqas minn tliet xhur.

Iżda fraħna l-aktar, għaliex il-ħarġa ta' dan il-ktieb sfat bħala turija ta' ħaġa li għalina kienet għadha ftit u xejn mostura, irridu ngħidu. x'kienet tiswa l-Poe-żija Maltija. Għaliex, għalkemm dejjem aħna emminna, u kienet qalbna mimlija, illi l-poeżija tagħna f'din

l-aħħar xejra li ħadet, kienet tista' toqgħod bla ma tirgħax maġenb dik ta' ħaddieħor, ma konniex għadna bsarna s-siwi kollu tagħha; ladarba, biex ingħidu s-sewwa, min aktarx kien jifhem u sata' jagħti ġudizzju xieraq ma kienx ħabibna f'dan il-qasam u għalhekk jew qatt ma tniffes jew maqdar, u ta' min ma kellux il-jedd u l-ħila jitkellem f'dan il-qasam, ma kinetx togħgobna l-foħrija. Dan il-ktieb ta' Ropa illi f'daqqa xeħet il-poeżija maltija quddiem il-għajnejn tad-dinja letterarja u ġagħalha titgħaxxaq biha, neħħa minn quddiemna dak l-istar li aħna fiċ-ċokon tagħna ma konniex nistgħu naslu malajr biex inwarrbuh. Il-lum l-Ewropa—u meta ngħidu l-Ewropa nkunu ngħidu d-Dinja—taf illi maġenb ħafna letteraturi qodma, kbar u għanjin tinsab oħra żagħżugħa, ċkejkna, iżda f'saħħitha u sabiħa kif tixraq lil ġens ċkejken iżda għaqli, ħawtiel u qalbieni li għandu warajh żmenijiet u ġrajja li bihom kienu jistgħu jiftaħru wkoll pajjiżi bosta akbar mill-Gżejjer tagħna.

U ma aħniex naqilgħu minn żniedna. Fuq dan il-ktieb tkellmu minn qalbhom u b'tifħir sabiħ letterati u ġurnali ta' bosta naħiet ta' l-Ewropa. Artikolu mdaqqas fit-tul, iżda marsus fil-ħsebijiet, deher fil-"À Paris et Ailleurs" tat-3 ta' April li għadda fuq l-isem ta' M. Francis de Miomandre, letterat u kritiku mill-kbar.

Taħt it-titlu ta' "Les Cahiers de Barbarie" u fuq l-isem ta' D. A. Guelfi dehru xi tagħrifiet fil-"Le Petit Matin" tal-10 ta' April, 1937. L-aħħar tagħrifa tagħlaq hekk : "Grace à M. Armand Guibert—aidé de M. Laurent Ropa, la litterature mondiale s'enrichit d'une langue et d'une âme nouvelles. " Bis-saħħa tas-Sur Armand Guibert, megħjun mis-Sur Laurent Ropa, il-letteratura tad-dinja ġiet mogħnija bi lsien ġdid u b'ruħ ġdida."

Artikolu ieħor twil u mżejjen bir-ritratt ta' Ropa, deher fuq l-isem ta' Nicolas D. Stoïloff fis-"Slovo",

l-aħjar ġurnal letterarju tal-Bulgarja. Artikoli oħra deħru Tunis, Bona Sofija, Bruxelles: u konferenzi fuq il-ktieb saru Tunis, Costantina, Bona; u bosta poeżijiet magħżulin mill-"Poetes Maltais" ġew saħansitra mxerrdin bir-Radjo minn Pariġi.

Konna nitkellmu wkoll, u aktarx fit-tul, minn artikolu ieħor interessanti li deher fil-"La Dépeche de l'Est" ta' Algiers, fit-3 ta' April li għadda—artikolu li jmedd madwar erba' mitt vers tal-ġurnal—mill-pinna ta' Dr. A. Mizzoni, li jagħti lil L. Ropa dak kollu li ħaqqu mhux biss għax-xogħol sabiħ tal-ktieb "Poetes Maltais", iżda wkoll għas-sentimenti friski bħal ilma ġieri, għat-tqanqil sinċier u għall-poeżija li hu xerred fir-rumanzi tiegħu "Kaline" u "Le Chant de la Noria". Iżda billi Dr. Mizzoni fl-artikolu tiegħu ma ħaresx lejn il-ktieb ta' Ropa la min-naħa ta' l-estetika anqas min-naħa tas-siwi letterarju, iżda aktarx min-naħa tal-politika—*li magħna ma għandha x'taqsam xejn*— u billi jarġa' dan Dr. Mizzoni jidher li ma hux infurmat sewwa fuq il-għan, ix-xejra, ix-xogħol u n-nies tal-"Għaqda", u fuq il-poeti maltin ma jaf xejn ħlief dak il-ftit li ġabar mill-ktieb ta' Ropa u minn ktieb ieħor li ma hemmx għalfejn insemmu, ħsibna li għalissa ngħaddu fuqu u ngħidu xi erba' kelmiet darba oħra, biex insewwu dak li fl-artiklu hemm ħażin jew imgħawweġ.

Il-ħabib tagħna, L. Ropa, fl-aħħar tagħrifa li bagħtilna għalaq b'dawn il-kelmiet: *Les Poetes Maltais sont maintenement connus et ma tâche est accompli.*" Ma satax igħid aħjar, u hekk ingħidu aħna wkoll: Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li ġiebet fid-dinja letterarja l-ktieb ta' Ropa, maħruġ bil-għaqal, bil-ħeġġa u bil-qalb kbira ta' Guibert, tista' bil-jedd kollu ttenni: "Dmirna għamilnieh; fejn ridna naslu, wasalna: Poetes Maltais hu rebħa kbira tal-Isien Malti."